

Brussell, 5 ta' Diċembru 2022  
(OR. en)

15267/22

LIMITE

CYBER 395  
COPEN 429  
JAI 1612  
DROIPEN 161  
ENFOPOL 618  
TELECOM 510  
EJUSTICE 94  
MI 899  
DATAPROTECT 344  
CODEC 1904

---

**Fajls Interistituzzjonali:**  
2018/0108(COD)  
2018/0107(COD)

---

#### NOTA

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Ordniġiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali - Rapport ta' progress

---

#### Sfond

Il-pakkett leġislattiv li jikkonsisti mill-proposta għal Regolament dwar l-Ordniġiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali u l-proposta għal Direttiva li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fl-2018. Wara l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali fil-Kunsill u tar-rapport tal-Parlament, bdew in-negozjati fi trilogi fi Frar 2021. Mill-bidu nett, in-negozjati kienu ta' sfida peress li l-koleġislaturi kellhom fehmiet diverġenti dwar għadd konsiderevoli tal-elementi ewlenin tat-testi.

B'mod partikolari, il-kwistjoni ta' meta u taħt liema kondizzjonijiet Ordni ta' Produzzjoni Ewropea indirizzata lil fornitur tas-servizzi fi stat ieħor tkun teħtieġ li tiġi nnotifikata lill-awtorità fl-istat tal-fornitur tas-servizzi wriet li kienet diffikultà kbira. Għalhekk, matul l-ewwel sena tan-negożjati, il-fajl kien qed jipprogrressa relattivament bil-mod.

Mir-rebbiegħa ta' din is-sena, in-negożjati bdew jgħaġġlu aktar. Saru tliet trilogi politiċi f'atmosfera tajba ta' kooperazzjoni f'Marzu u f'Ġunju 2022 u fi tmiem il-mandat tal-Presidenza Franċiża, deher li jista' jintlaħaq qbil ta' kompromess globali dwar il-pakkett leġislativ. Madankollu, il-pożizzjonijiet dwar ftit suġġetti importanti kienu għadhom diverġenti u għalhekk ma kienx possibbli li jintlaħaq qbil dwar kompromess globali.

### **Progress taħt il-Presidenza Ċeka**

Il-Presidenza Ċeka kompliet il-ħidma intensiva abbażi tal-kisbiet tal-Presidenza Franċiża. Ftit kwistjonijiet miftuħa wrew li kienu ta' sfida kbira biex jissolvew. Diversi xhur ta' diskussjonijiet tekniċi bejn l-istituzzjonijiet irriżultaw bħala meħtiegħa sabiex jiġu ċċarati daww il-kwistjonijiet, li dwarhom il-Grupp ta' Ħidma COPEN, il-Kunsillieri ĠAI jew il-Coreper ġew infurmati u kkonsultati regolarment.

Matul l-aħħar passi tan-negożjati, l-aktar diskussjonijiet diffiċli ffukaw fuq tliet aspetti.

Id-dettalji tar-reġim għan-notifika tal-ordnijiet lill-awtoritajiet fl-istat li fih jinsab id-destinatarju (ir-rappreżentant legali jew l-istabiliment maħtur tal-fornitur tas-servizz) qajmu l-akbar diffikultajiet fin-negożjati. B'mod partikolari, il-kwistjoni tal-hekk imsejjaħ kriterju ta' residenza, li jiżgura li n-notifiki ma jkunux meħtiegħa f'każijiet fejn il-persuna kkonċernata tirrisjedi fl-istat emittenti, kienet ta' sfida biex tissolva. B'hekk, il-Kunsill stinka biex jiżgura li każijiet purament nazzjonali u predominanti ma jkollhomx għalfejn jgħaddu mill-proċess ta' notifika li xi drabi jkun intensiv fix-xogħol.

Ir-regoli fir-Regolament dwar jekk l-Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej jehtiegħ li jiġu indirizzati lill-fornitur tas-servizzi li jaġixxi bħala kontrollur tad-data minflok lill-fornitur tas-servizzi li jipproċessa d-data f'isem il-kontrollur tad-data qajmu diversi kwistjonijiet tekniċi iżda xorta waħda importanti ħafna, li l-koleġiżlaturi sabu diffiċli biex jaqblu dwarhom. Il-Kunsill insista kontinwament dwar il-fatt li regola stretta jew simplistika wisq tista' twassal għal sitwazzjonijiet li huma ta' detriment għall-investigazzjoni.

Il-formulazzjoni u n-natura tar-regoli dwar ir-raġunijiet għal rifjut qajmu wkoll diversi kwistjonijiet. Essenzjalment, il-Kunsill insista li l-awtoritajiet ġudizzjarji għandhom iżommu ċertu marġni ta' diskrezzjoni.

Fid-29 ta' Novembru 2022, sar it-tmien u probabbilment l-aħħar trilogu. L-atmosfera matul it-trilogu kienet kostruttiva biż-żewġ koleġiżlaturi juru flessibilità, iżda bi skambji diffiċli dwar l-aktar kwistjonijiet kontroversjali, peress li ż-żewġ partijiet iddefendew bil-qawwa l-pożizzjonijiet tagħhom.

Bħala konklużjoni globali tat-trilogu, intlaħaq qbil proviżorju dwar il-partijiet sostantivi li fadal tar-Regolament u tad-Direttiva. Il-Presidenza infurmat lill-Parlament li l-qbil proviżorju għadu soġġett għad-dettalji tekniċi li qed jiġu ffinalizzati fil-livell tekniku. Il-bqija tal-punti minuri li jifdal fiż-żewġ testi ser jiġu ffinalizzati fil-livell tekniku.

Il-valutazzjoni ġenerali tal-Presidenza hija li l-qbil ta' kompromess proviżorju ser ikun aċċettabbli għall-Kunsill. Anki jekk ċerti aspetti mhumiex ideali mill-perspettiva tal-Kunsill, il-qbil proviżorju huwa bla dubju l-aħjar eżitu possibbli li l-Kunsill jista' jilħaq.

## **Il-passi li jmiss**

Wara l-qbil proviżorju li ntlaħaq mal-Parlament, il-Presidenza flimkien mal-Parlament u l-Kummissjoni involviet ruħha fi sforzi intensivi biex tiffinalizza l-aħħar kwistjonijiet tekniċi li fadal fir-Regolament u d-Direttiva.

Il-Presidenza għandha l-għan li tiżgura li din il-ħidma tiġi konkluża malajr kemm jista' jkun, sabiex il-qbil politiku sħiħ ikun jista' jiġi ppreżentat lill-Istati Membri għall-approvazzjoni. Dment li tasal tali approvazzjoni, l-adozzjoni formali tal-leġislazzjoni l-ġdida mbaġhad issegwi f'xi żmien fil-bidu tal-2023.